**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMIIT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 3 t'Awwissu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni u Kunsiderazzjoni tal-Minuti

**1.1** **Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 30, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 30 ġew approvati b'mod unanimu.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li nbeda l-proġett ta' ħasil ta' toroq madwar il-lokalita'.

**2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-pjazza ta' quddiem il-Knisja ż-Żgħira ta' San Bastjan fej ġie miftihem li jsir it-tindif mill-materjal tal-antiskid u jsir grooving tal-pavimentar.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa min se jnaddaf il-materjal. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill ikellem lill-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet. Il-Kunsillier Marvin Zammit enfasizza li jekk it-tindif isir mill-istess kuntrattur, dan għandu jsir mingħajr ħlas. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa min se jagħmel tajjeb għax-xogħol tal-grooving. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-Kunsill ikellem lill-Awtorita' tal-Ippjanar, jagħti spjega ta' dak li ġara u jitlob li l-fondi jiġu trasferiti għal dan il-proġett. Il-Kunsill approva.

**2.3** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar il-problemi bil-bring-in sites li jeżistu madwar il-lokalita', fejn dawn qed jispiċċaw miżbliet żgħar. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li tintalab laqgħa ma' Greenpak sabiex jiġu diskussi dawn in-nuqqasijiet.

**2.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li x-xogħol tal-kuntratt tat-tindif u żamma tal-ġonna u tindif tat-toroq mhux urbani mhux isir skont kif stipulat fil-kuntratti rispettivi. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma' l-fatt li ta' kuljum isir kuntatt bit-telefon mal-kuntrattur u dan ma jweġibx u minkejja l-bosta emails li qed jintbagħtu mill-uffiċċju, s-servizz baqa' mhux jingħata. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara pproponiet li ssir laqgħa ma Cleansing Malta sabiex tiġi diskussa l-possibilita' li jsir ftehim u jingħata servizz ta' tindif minn dan id-direttorat.

**2.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li skont il-General Conditions for Services, jistgħu jsiru modifiċi tal-kuntratt u huwa għalhekk li se jkun hemm żieda fil-kenniesa.

**2.6** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kellu laqgħa mal-Ministeru għall-Ekonomija dwar il-proġett ta' Pjazza Federico Maempel. Is-Sindku nfurma li l-Ministeru inġagga lil INDIS sabiex isiru pjanti ġodda, liema pjanti ġew ippreżentati fuq il-mejda. Is-Sindku spjega li l-Ministeru ġibed l-attenzjoni li l-parkeġġ taħt il-pjazza ma jistax isir minħabba l-għeruq tas-siġar u għaldaqstant qed jiġi propost li minflok isiru żewġt ikmamar li jistgħu jintużaw mill-għaqdiet. Barra minhekk, il-Kunsill ġie nfurmat li l-parkeġġ fi Pjazza Federico Maempel ma jistax isir fish-bone minħabba s-siġar eżistenti fuq il-post. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara staqsiet għaliex mhux se jkun possibli li jsir il-parkeġġ, ġaladarba se jsiru l-kmamar. Is-Sindku spjega li skont INDIS, il-parkeġġ ma jistax isir minħabba l-għeruq tas-siġar.

**2.7** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma wkoll li l-Ministeru qed jesiġi li dan il-proġett ikun proġett tiegħu biss u l-Fondazzjoni għall-Benesseri tas-Saħħa ma tibqax imdaħħla f'dan il-proġett. Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa x'sehem għandha l-fondazzjoni f'dan il-proġett u kemm kienet se tinvesti f'dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Fondazzjoni tat il-ħsieb tal-proġett iżda bħala fondi kollox irid jinħareġ mill-Kunsill, permezz tal-Urban Development Fund, liema fond m'għandux l-ammont ta' flejjes meħtieġa għal dan il-proġett. Kien għalhekk li l-Kunsill iddeċieda li jerġa' jikkonsulta mal-Ministeru dwar il-parkeġġ tant meħtieġ, taħt l-istess ġnien.

## 3 MOZZJONIJIET

### Mozzjoni Nru 84 imressqa mill-Kunsillier George Muscat

*Wara li avviċinawni bosta nies esprimew il-ħsieb tagħhom li għandu jsir bust in memorium tal-għażiż tagħna Ramiro Mallia mhux li kien biss Qormi bħali u bħalkom imma li ddedika ħafna mill-ħin tiegħu jgħin lill-fqir, batut, lil dak li għadda / għaddiet mill-istess tbatija tal-marda qerrieda tal-kanċer.*

*Hu għandu jiġi mfakkar għat-tjubija tiegħu bla tarf meqjus minn ħafna nies bħala 'eroj' u l-'anġlu' tagħna l-Qriema.*

*Ramiro kien tifel umli, ferrieħi u kartiattiv u fyit għadek issib nies bħalu li litteralment offra ruħu u l-ħin tiegħu biex jagħmel il-ġid.*

*F'ismi u f'isem il-Qriema anki mhux Qriema, qed nesprimu din ix-xewqa li l-isem tiegħu ma jintesa qatt, li Ramiro jibqa' mfakkar bħala dak iż-żagħżugħ li verament għex il-vanġelu tat-tjubija u t-tama li nissel fuq ħafna pazjenti, nies, u ħbieb.*

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-kunsillier li ressaq din il-mozzjoni jinsab assenti. Barra minhekk din il-proposta għandha tiġi diskussa mal-familjari qabel titressaq għad-diskussjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex tintervjeni bħala familjari taż-żagħżugħ Ramiro Mallia, fejn qalet li taqbel ma dak li qed jgħid, is-Sindku, jiġifieri li tali kwistjoni tiġi diskussa mal-ġenituri ta' Ramiro, temmen li tkun ħaġa sabiħa jekk isir monument iddedikat liż-żgħazagħ kollha Qriema.

Is-Sindku f'dan l-istadju talab li din il-mozzjoni titħalla għal diskussjoni f'laqgħat aktar 'l quddiem. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Mozzjoni Nru 85 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li Misraħ iż-Żebbuġ jissemma Ġnien Baldassare Facciol.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

**Mozzjoni Nru 86 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Nipproponi li l-kunsill jaghti rikonoxximent lil Noel Bartolo bhala l-persuna li arresta u zamm persuna li qed tisraq minn karozzi.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ssekonda.
Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa x'rikonoxximent se jingħata. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li l-Kunsill jista' jagħti xi ħaġa żgħira qabel is-Seduta li jmiss.

**Ivvutaw Favur disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.**

## 4 Skeda ta' Ħlasijiet

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2021.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** issekondat**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

**5 Ilmenti mill-Kunsilliera**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma li qed ikun hemm bosta lmenti dwar storbju mill-inġenji li qed jintużaw waqt ix-xogħlijiet fi Triq l-Imdina. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li x-xogħlijiet qed isiru mal-lejl sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tat-traffiku mil-lokalita' matul il-ġurnata.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li l-Kunsill jitlob lil Infrastruttura Malta sabiex isir it-tindif minaħbba t-trabijiet li qed ikun hemm.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni lill-membri li parti minn Triq il-Mitħna qed iċedi.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jsir repainting tal-markings fi Triq Ġorġ Borg.

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa jekk sarx il-ħlas lir-resident li soffra danni meta saru x-xogħlijiet fi Triq Ġuże Maria Camilleri. Is-Segretarju Eżekuttiv li l-ħlas ma jistax isir fuq sempliċiment stima u ġibdet l-attenzjoni li l-ammont huwa għoli ħafna meta wieħed jikkunsidra x-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel li l-ħlas isir xorta waħda.

**6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 7 ta' Settembru 2021.**

Konfermati, illum 7 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |

.